



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0311(COD)

15782/23
ADD 1

SOC 815
ANTIDISCRIM 193
FREMP 341
TRANS 522
SPORT 59
CULT 166
CODEC 2216
IA 315

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità <i>- Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża b'rabta mal-proposta ta' hawn fuq.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja rigward l-approċċ ġenerali dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

Il-Ġermanja hija impenjata li żżomm il-kostijiet tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità baxxi. Fid-dawl tal-esperjenza tagħha bil-Kard Ġermaniża tad-Diżabilità, il-Ġermanja ma tara l-ebda riskju partikolari ta' abbuż li jiġġustifika sforzi tekniċi kbar u miżuri ta' sigurtà għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità. Dan għandu jitqies matul negozjati ulterjuri u meta jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa. B'mod partikolari, ebda ologrammi, ċipep jew simili, li jagħmlu l-produzzjoni tal-kards aktar għalja, ma għandhom isiru obbligatorji.

Fil-Ġermanja, persuni għomja huma wkoll intitolati li jirċievu Kard tal-UE għall-Parkeġġ. Sabiex tippermetti lil persuni għomja li jużaw il-Kard tal-UE għall-Parkeġġ, fin-negozjati li jmiss il-Ġermanja ser tappoġġa l-ittri bil-Braille fuq il-Kard tal-UE għall-Parkeġġ, biex persuni b'insuffiċjenza fil-vista jkunu jistgħu jiddistingwuha minn kards oħra.
